VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,882, 11 ta' Ottubru, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 280 tal-2017**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 262 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2017 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, 2016.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) L-applikanti li jidħlu fil-Kors skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul, 2016, ikunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami bil-miktub. L-eżami jevalwa l-kapaċità tal-applikanti li jifhmu l-letteratura rilevanti għall-filosofija tal-inklużjoni."

**L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali**

4. L-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 6.

5. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li meta daħlu fil-Kors ma kellhomx ċertifikati fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, ikunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors jew korsijiet ta' profiċjenza approvati mill-Bord fil-Malti u/jew fl-Ingliż (kif applikabbli) qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dawn ir-rekwiżiti. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti."